

Brussell, 10 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13012/26

POLCOM 307
SPG 6
DELECT 143

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6211 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'10.9.2026 li jistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-għoti ta' arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SGP+) skont ir-Regolament (UE) 2026/1395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 6211 final.

Mehmuż: C(2026) 6211 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2026
C(2026) 6211 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.9.2026

li jistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-għoti ta' arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+) skont ir-Regolament (UE) 2026/1395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Unjoni Ewropea (UE) tat preferenzi ta' kummerċ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-Iskema ta' Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati (l-iskema SĠP) mill-1971 'il quddiem. Din tagħmel parti mill-politika kummerċjali komuni tagħha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-azzjoni esterna tal-UE.

Ir-Regolament (UE) 2026/1395 il-ġdid dwar is-SĠP ġie adottat fis-17 ta' Ġunju 2026. Dan iżomm il-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament SĠP preċedenti (Nru 978/2012) u jaġġornah fejn meħtieġ. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-istabbiltà tal-iskema l-ġdida tas-SĠP, ir-regoli proċedurali relatati għandhom jinżammu b'mod l-istess u jiġu aġġornati wkoll fejn meħtieġ biex jirriflettu elementi ġodda fir-Regolament SĠP.

L-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10 tar-Regolament SĠP jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-ġhoti tal-preferenzi tariffarji skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+). L-istabbiliment ta' regoli proċedurali dwar is-sottomissjoni tat-talbiet għal SĠP+ ingħataw mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill lill-Kummissjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, twettqu konsultazzjonijiet xierqa u trasparenti, inkluż fil-livell tal-esperti, dwar dan l-att delegat b'mod partikolari permezz ta' laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tas-SĠP. fl-10 u fit-30 ta' Ġunju 2026.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 10(7) tar-Regolament SĠP jagħti poter lill-Kummissjoni biex tadotta att delegat biex tistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-ġhoti tas-SĠP+ b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi u l-preżentazzjoni u l-ipproċessar tat-talbiet.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.9.2026

li jistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-għoti ta' arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+) skont ir-Regolament (UE) 2026/1395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 2026/1395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2026 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 (ir-Regolament SĠP)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(7) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10 tar-Regolament SĠP jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-għoti tal-preferenzi tariffarji skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+). Sabiex tiżgura t-trasparenza u t-tbassir tal-proċess, il-Kummissjoni nġhatat il-poter mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex tadotta atti delegati biex tistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-għoti tal-istatus ta' pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi u l-preżentazzjoni u l-ipproċessar tat-talbiet.
- (2) Huwa xieraq li l-Kummissjoni żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati kif xieraq dwar passi proċedurali importanti tal-implimentazzjoni tar-Regolament SĠP, bħall-għoti tal-SĠP +,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Sottomissjoni tat-talba

1. Il-pajjiż li qed jagħmel it-talba għandu jippreżenta t-talba tiegħu bil-miktub skont l-Artikolu 10(1) u 10 (2) tar-Regolament SĠP. Il-pajjiż li qed jagħmel it-talba għandu jistqarr b'mod espliċitu li t-talba tiegħu biex jibbenefika minn arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+) previst fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament SĠP.
2. It-talba għandha tkun akkumpanjata mid-dokumentazzjoni li ġejja:
 - (a) tagħrif komprensiv li jikkonċerna r-rattifika tal-konvenzjonijiet elenkati fl-Anness VI tar-Regolament dwar is-SĠP (il-“konvenzjonijiet rilevanti”), inklużi kopja tad-depożitu tal-istrumenti ta' rattifika lill-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti, ir-riżervi li għamel il-pajjiż li qed jagħmel it-talba u l-

¹ ĠU L, 2026/1395, 22.6.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1395/oj>.

oġġezzjonijiet magħmula minn partijiet oħra għall-konvenzjoni għal dawn ir-riżervi;

- (b) l-impenn obbligatorju, li għandu jsir permezz tal-firma tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż li qed jagħmel it-talba tal-formola fl-Anness ta' dan ir-Regolament, li jinkludi:
 - (i) stqarrija ta' impenn li tinżamm ir-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti u jfittex u jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, mirfuda minn pjan ta' azzjoni;
 - (ii) stqarrija biex jaċċetta mingħajr riżervi r-rekwiżiti ta' rappurtar imposti minn kull konvenzjoni rilevanti u sabiex jaċċetta monitoraġġ u rieżami regolari tar-rekord ta' implimentazzjoni tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet rilevanti;
 - (iii) stqarrija tal-impenn biex jipparteċipa fi proċedura ta' monitoraġġ u jikkoopera magħha msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament dwar is-SĠP;
 - (c) pjan ta' azzjoni kif definit fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament SĠP u f'konformità mal-Artikoli 9 (1) (d) u 9 (3) tar-Regolament SĠP.
- 3. Biex jiġi faċilitat il-proċess ta' rieżami, it-talbiet kollha u d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament għandha tiġi ppreżentata bl-Ingliż. Jekk il-lingwa oriġinali tal-kopja tad-dokumenti skont il-punt 2(a) hija differenti mill-Ingliż, il-kopja għandha tkun akkumpanjata minn traduzzjoni għall-Ingliż.
 - 4. It-talba, flimkien mad-dokumenti ta' akkumpanjament, għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'format elettroniku.
 - 5. Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju u l-verifika tat-tagħrif, il-pajjiż, fit-talba tiegħu għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-kuntatti tal-persuna kompetenti responsabbli mit-talba.
 - 6. It-talba għandha titqies bħala li tressqet fl-ewwel jum tax-xogħol wara li l-Kummissjoni tkun haġġet konferma tar-riċevuta tagħha.

Artikolu 2

Eżaminazzjoni tat-talba

- 1. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament dwar is-SĠP ġewx sodisfati. Waqt l-eżaminazzjoni tat-talba, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-aktar konklużjonijiet reċenti disponibbli tal-korpi ta' monitoraġġ tal-konvenzjonijiet rilevanti u informazzjoni rilevanti minn sorsi oħra, inkluż is-soċjetà ċivili, kif inhu xieraq. Hija tista' titlob lill-pajjiż li qed jagħmel it-talba kwalunkwe mistoqsija li hija tqis rilevanti u tista' tivverifika t-tagħrif li jaslilha mal-pajjiż li qed jagħmel it-talba jew ma' kwalunkwe sors ieħor rilevanti.
- 2. F'każ ta' nuqqas ta' provvedimenti tat-tagħrif meħtieġ kif jitlob l-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar l-SĠP jew kif mitlub mill-Kummissjoni, dan jista' jwassal għal deċiżjoni biex tiġi rifjutata t-talba.
- 3. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi l-eżaminazzjoni tat-talba u tiddeċiedi jekk tagħtix pajjiż li qed jagħmel talba, l-arranġament SĠP + fi żmien sitt xhur mid-data ta' meta qieset li rċeviet it-talba.
- 4. F'każ li l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tagħtix lil pajjiż li qed jagħmel it-talba l-arranġament SĠP +, hija tista', kif xieraq, tinforma lill-pajjiż li qed jagħmel it-talba

dwar il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament SĠP li huma ssodisfati, jekk ikun hemm, u dwar l-elementi pendenti li għandhom jiġu indirizzati. Meta l-pajjiż li qed jagħmel it-talba jippreżenta talba għdida fi żmien sentejn mill-konklużjoni tal-eżami, il-Kummissjoni tista' tqis il-valutazzjoni preċedenti tagħha.

Artikolu 3

Il-fajl kostitwit

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi fajl kostitwit. Fajl kostitwit għandu jinkludi d-dokumenti ppreżentati mill-pajjiż li qed jagħmel it-talba u t-tagħrif rilevanti li nkiseb mill-Kummissjoni.
2. Il-kontenut ta' fajl kostitwit għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament SPĠ.
3. Il-pajjiż li qed jagħmel it-talba għandu dritt għall-aċċess tal-fajl kostitwit. Fuq talba bil-miktub, huwa jista' jispjegha t-tagħrif kollu li jinsab fil-fajl kostitwit flief dokumenti interni mħejjija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

Artikolu 4

Divulgazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandu tiddivulga lill-pajjiż li qed jagħmel it-talba d-dettalji sottostanti tal-fatti u tal-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża d-deċizzjonijiet li tiegħu.
2. Id-divulgazzjoni għandha ssir bil-miktub, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament SĠP. Din għandha tinkludi s-sejbiet tal-Kummissjoni u għandha tirrifletti l-intenzjoni provviżorja jekk jingħatax l-arranġament SĠP + lill-pajjiż li qed jagħmel it-talba.
3. Id-divulgazzjoni għandha ssir malajr kemm jista' jkun u, normalment, mhux aktar tard minn 45 jum qabel deċizzjoni definittiva mill-Kummissjoni dwar kwalunkwe proposta għal azzjoni finali. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx fil-pożizzjoni li tiżvela xi fatti jew kunsiderazzjonijiet f'dak il-ħin, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista' jkun malajr wara.
4. Id-divulgazzjoni ma għandha tippreġudika l-ebda deċizzjoni sussegwenti. Meta deċizzjoni sussegwenti tkun ibbażata fuq kwalunkwe fatt u kunsiderazzjoni differenti, dawn għandhom jiġu żvelati malajr kemm jista' jkun.
5. Il-preżentazzjonijiet li jsiru wara d-divulgazzjoni għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni biss jekk ikunu waslu f'perjodu li f'kull każ, għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni, li għandu jkun mill-inqas 14-il jum, filwaqt li titqies l-urġenza tal-kwistjoni.

Artikolu 5

Is-smigh generali

1. Pajjiż li qed jagħmel talba għandu dritt li jinstema' mill-Kummissjoni.
2. Il-pajjiż li qed jagħmel it-talba għandu jippreżenta ittra bil-miktub li fiha jispeċifika r-raġunijiet għalfejn għandu jinstema' oralment. Talba bħal din għandha tasal għand

il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data tal-konferma tar-riċevuta tat-talba.

Artikolu 6

L-Involviment tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċedimenti tal-Kummerċ

1. Abbażi ta' raġunijiet proċedurali, pajjiż li qed jagħmel talba jista' jitlob ukoll l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċedimenti tal-Kummerċ. L-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċedimenti tal-Kummerċ għandu jeżamina mill-ġdid it-talbiet għall-aċċess għall-fajl kostitwit, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u t-talbiet għal smiġh minn pajjiż li qed jagħmel talba.
2. Jekk il-pajjiż li qed jagħmel talba għandu seduta orali mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċedimenti tal-Kummerċ, is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni għandu jieħu sehem fih.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.9.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN